



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Frar 2023
(OR. en)

6289/23

COH 18
CLIMA 68
ENER 72
ENV 121
SOC 92
FIN 168

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Frar 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5884/23	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 22/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Appoġġ mill-UE lir-reġjuni tal-faħam: Fokus limitat fuq it-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija - Konklużjonijiet tal-Kunsill (14.02.2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Appoġġ mill-UE lir-reġjuni tal-faħam: Fokus limitat fuq it-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija", approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-3931 laqgħa tiegħu fl-14 ta' Frar 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2022 "Appoġġ mill-UE lir-reġjuni tal-faħam – Fokus limitat fuq it-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' B'SODISFAZZJON ir-Rapport Speċjali Nru 22/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport;
- (2) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti eżamina jekk l-appoġġ mill-UE fil-perjodu 2014-2020 mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni lil kampjun ta' seba' reġjuni tal-faħam tal-UE kienx ikkontribwixxa b'mod effettiv għat-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija tagħhom. Il-Qorti ffukat fuq jekk
 - kinux ingħataw taħriġ u assistenza xierqa lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja fl-industriji relatati mal-faħam;
 - l-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, kinux identifikaw il-ħtiġijiet ta' żvilupp soċjoekonomiku u kinux immiraw il-fondi kif xieraq, u jekk
 - l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jirriżultaw mill-faħam termali kinux qed jonqsu f'konformità mat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-faħam termali fl-UE;
- (3) JIRRIKONOXXI li r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-awditu biħsiebhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni kosteffettiva u effiċjenti tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew;

(4) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:

- Taħriġ iffinanzjat mill-UE kien disponibbli għall-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja, iżda m'hemmx data dwar il-parteciġazzjoni;
- Ir-reġjuni tal-faħam magħżula użaw il-fondi tal-UE għall-koeżjoni territorjali b'fokus limitat fuq it-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija;
- L-appoġġ mill-UE lir-reġjuni tal-faħam sa issa kellu fokus u impatt limitati fuq il-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjoni tal-enerġija;
- Minkejja l-progress ġenerali, il-faħam jibqa' sors sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'xi Stati Membri;
- Ir-rapportar dwar l-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-minjieri magħluqa jew abbandunati la kien affidabbli biżżejjed u lanqas ma ntalab biżżejjed;

(5) JENFASIZZA l-isfidi għall-Istati Membri biex jużaw il-JTF b'mod effettiv biex itaffu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni, minħabba l-perjodu ta' żmien limitat tar-riżorsi tal-Fond għal Next Generation EU u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; għalhekk, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri u tgħinhom b'mod kontinwu fl-implimentazzjoni tal-investimenti rilevanti, inkluż proġetti kbar ta' trasformazzjoni;

(6) JIKKONDIVIDI l-opinjoni tal-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:

- It-"tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija" tar-reġjuni tal-faħam ma kinitx għan speċifiku tal-qafas legali li jirfed il-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-2014-2020, u l-Istati Membri ma kellhom l-ebda obbligu li jitrattaw lir-reġjuni tal-faħam b'xi mod partikolari meta ġew innegożjati l-programmi 2014-2020;
- Id-data dwar il-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li kienu ngħataw is-sensja li pparteċipaw fil-korsijiet iffinanzjati mill-UE kienet nieqsa minħabba li ma kienx hemm obbligu legali li tinġabar data dwar il-parteċipazzjoni għal dan il-grupp speċifiku;
- Skont il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-programmazzjoni tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta u l-pilastru tal-JTF tiegħu tiegħu kont sħiħ tal-ħtieġa tar-reġjuni tal-faħam, pit, u shale bituminuż kif ukoll tar-reġjuni b'użu intensiv tal-karbonju;
- Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li fit-terminu qasir, l-Istati Membri jistgħu jkollhom bżonn iżidu l-konsum tal-faħam qabel ma jaqilbu għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli biex inaqqsu d-dipendenza mill-fjuwils fossili Russi, dment li jiġu rispettati l-miri klimatiċi u tal-enerġija tal-2030;
- Filwaqt li tirrikonoxxi l-miżuri fuq terminu qasir, il-Kummissjoni appellat ukoll għall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-UE lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħala mod kif jitnaqqsu l-importazzjonijiet malajr filwaqt li jintlaħqu l-għanijiet tal-enerġija u klimatiċi tal-2030 u l-2050;

(7) JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u JISTIEDEN lill-Kummissjoni:

- Tivverifika li l-Istati Membri jużaw ir-riżorsi tal-JTF b'mod effettiv u effiċjenti biex itaffu l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika fir-reġjuni b'użu intensiv tal-faħam u tal-karbonju meta tapprova l-Pjanijiet u l-programmi Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll meta tapprova l-emendi tal-Pjanijiet u l-programmi għal Tranżizzjoni Ġusta u meta timmonitorja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tagħhom;
 - Tikkondividi prattika tajba għall-kejl u l-immaniġġjar tal-emissjonijiet tal-metan minn minjieri magħluqa jew abbandunati.
-